## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. SHARON ABELA (KI. 508776M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**18/10/2022**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputata:

**BILLI inti akkuzat/a** talli fil-31/01/2022 ghall-habta ta' 00:00 hrs gewwa Triq San Anard, Bulebel, Tarxien

1. Gieghelt, hallejt jew ippermettejt li l-vettura bil-mutur Nru. LCU 408 jew vettura ohra tinsaq minn Muhammet Oytun (ID: 272661A) li ma jkollhiex il-licenza mehtiega biex issuq vettura bil-mutur jew vettura ohra **Sec. 15(1)(b)(3), Chap. 65**

2. Uzajt, gieghelt jew hallejt lil Muhammet Oytun juza vettura bil-mutur nru: LCU 408 fit-toroq, ghal uzu tal-vettura minnu jew min dik il-persuna l-ohra minghajr polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni. **Sec. 3(1), Chap. 104**

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PC 877 (affidavit), PC 606 (affidavit) u Stephen Cachia (Transport Malta).

Rat l-atti proċesswali.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

Din hija kawża li mxiet mal-kawża *Il-Pulizija v. Muhammet Oytun,* liema kawża ġiet deċiża kontestwalment. Filwaqt li fil-kawża l-oħra l-imputat ġie mixli b'sewqan mingħajr liċenzja tas-sewqan u li saq mingħajr polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, f'din il-kawża l-imputata ġiet mixlija li ppermettiet jew ħalliet lill-Muhammet Oytun isuq mingħajr liċenzja tas-sewqan u mingħajr polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

*Imputazzjoni numru wieħed (1)*

Mill-provi rriżulta illi l-imputata kienet preżenti bħala passiġġiera fil-vettura in kwistjoni meta din kienet qed tinstaq minn Muhammet Oytun fid-data, ħin u lok indikati mill-komparixxi. Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti tara li din l-imputazzjoni tirriżulta.

*Imputazzjoni numru tnejn (2)*

Muhammet Oytun ġie liberat mill-Qorti mill-imputazzjoni li saq mingħajr polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni u għalhekk il-Qorti ma' tistax issib ħtija tal-imputata fuq din it-tieni imputazzjoni.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputata mill-imputazzjoni numru tnejn (2) peress illi ma' tirriżultax, ssibha ħatja tal-ewwel imputazzjoni (Kap. 65, Art. 15(1)(a)) u tikkundannaha tħallas multa ta' tlett mitt euro (€ 300). B'żieda mal-piena l-Qorti tiskwalifikaha milli jkollha jew milli tikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tmient (8) ijiem (Kap. 65 Art. 15(3)).**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y.M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |